TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/104/13/S

Paul Attard
Vs
Frank Borda Limited

Illum 27 ta'Settembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Paul Attard ipprezentata fit-13 ta'Mejju,2013 u r-risposta tas-socjeta Frank Borda Limited ipprezentata fl-20 ta'Mejju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-6 ta'Lulju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment li l-pannelli fotovoltajici mhumiex jeggeneraw elettriku skont il-kwotazzjoni moghtija meta inxtraw;

Illi skont Dok 3 ipprezentat mat-talba mir-rikorrent, din il-kwotazzjoni moghtija mis-socjeta intimata titkellem fuq stima ta' dak li suppost jigi generat mis-sistema tal-fotovoltajici;

Illi hemm diversi fatturi li jistghu ikollhom impatt fuq l-ammont ta' elettriku generat u dawn jinkludu l-angolu ta' fejn huma mwahhla l-pannelli u l-angoli differenti fis-sajf u fix-xitwa u li l-istess pannelli jinzammu nodfa;

Illi fl-email mibghuta fit-13 ta'Frar,2013 minn rapprezentant tas-socjeta intimata lir-rikorrent (Dok 2), gew spjegati l-punti li kellhom effett fuq il-produzzjoni tal-pannelli in kwistjoni;

Illi dan it-Tribunal ihoss li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' f'dan l-istadju u bil-provi mressqa;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Frank Borda Limited filwaqt li Jichad it-talba ta' Paul Attard, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru